# Attività fil-Belt Valletta abbinata maż-żjara fil-Bibljoteka Nazzjonali.

**Kif ninżlu mill-karozza**

L-ewwel waqfa fi Pjazza Mattia Preti. Hawn naraw monument li juri lil Mattia Preti li kien **pittur** li fost xogħlijiet oħra pitter is-saqaf **tal-Konkatidral ta' San Ġwann**.

Fi Triq Marsamxett naraw irħama li tfakkar lil Ġuże` Muscat Azzopardi. Dan il-personaġġ hu magħruf bħala **missier il-letteratura Maltija** u għamel żmien jgħix fil-Belt Valletta.

Nitilgħu minn Triq Santa Luċija u nduru għal Triq l-Ifran fejn naraw id-dar żgħira li fiha kien jgħix **Dun Karm Psaila**. Hawnhekk il-poeta kiteb uħud mill-isbaħ poeżiji tiegħu bħal "Il-Vjatku" u "Lill-Kanarin Tiegħi".

Qabel ma nidħlu fil-Bibljoteka, ngħaddu minn ħdejn it-tabella li għadha turi l-isem tat-triq bil-Franċiż, hija l-unika tabella li baqa' ta' Żmien il-Franċiżi. Din it-triq kien jisimha Rue de l'Egalite.

**Wara li tispiċċa l-attività fil-Bibljoteka.**

Issa se ngħaddu minn xi postijiet li jissemmew fir-rumanzett "Il-Ħarsa ta'Rużann" fil-bidu tat-tielet kapitlu li jġib it-titlu "Il-Ħarsa f' Għajnejn Pietru".

Ngħaddu minn Triq il-Merkanti fejn ħdejn is-Suq tal-Belt fejn nassumu li kien hemm il-ħanut tal-**kafe`** li daħlu fih Pietru u Salvina.

Wara ngħaddu minn Triq San Pawl li prattikament għadha l-istess kif kienet mitt sena ilu meta minnha għaddew Pietru u Salvina. Ninnutaw il-bini sabiħ mimli skultura fil-ġebla Maltija. Ta' min jgħid li l-Kavallieri xtaqu li kull kantuniera fil-Belt Valletta tkun imżejna b' xi dekorazzjoni. F' uħud minn dawn il-kantunieri naraw **xi niċeċ tal-qaddisin** .

Naslu ħdejn il-Monument tal-Qanpiena li jfakkar **għeluq il-50 Anniversarju mill-għoti tal-George Cross.**

Minn hawn għandna dehra sabiħa **tal-Port il-Kbir**.

Din il-pjanura qabel kienet tagħmel parti mill-Ġnien tal-Barrakka t' Isfel sakemm madwar erbgħin sena ilu infetħet triq u għalhekk il-ġnien kellu jiċċekken. Minn dan il-post fil-bokka tal-Port il-Kbir, Pietru ra l-vapuri deħlin mimlijin **midruba** .

Matul l-Ewwel Gwerra, f' Malta ġew bosta suldati feruti. Kien hawn ħafna **sptarijiet** fosthom is-Sacra Infermeria u sptar f'Bighi, in-naħa l-oħra tal-Port.

Nidħlu fil-Ġnien tal-Barrakka t'Isfel u fil-parti ċentrali ta' dan il-ġnien naraw monument kbir u sabiħ dedikat lil **Sir Alexander Ball**. Hawnhekk Pietru u Salvina kienu mbuttati mill-folla biex imorru jaraw x'kien qed jiġri.

**Jistgħu jinqraw Paġni 103 u 104 tar-Rumanz.**



Ir-Rotta taż-Żjara.

Il-karozza tieqaf ħdejn Misraħ Mattia Preti (Il-Mandraġġ). Hemm l-istudenti jieqfu quddiem il-monument ta' Mattia Preti. Bil-mixi l-istudenti jimxu ' l isfel kantuniera żgħira mad-dawra tas-sur u hemm jaraw l-irħama li tfakkar lil Ġużè Muscat Azzopardi. Jitilgħu lejn iċ-ċentru tal-Belt minn Triq Santa Luċija (minn ħdejn ħanut taż-żebgħa). Jitilgħu tliet kantunieri 'l fuq u jibdew mexjin Triq l-Ifran 'l isfel. F'nofs il-kantuniera jiltaqgħu ma' rħama li tfakkar id-dar ta' Dun Karm. Jiksru mill-ewwel triq 'l fuq lejn Pjazza San Ġorġ.

Wara li noħorġu mill-Bibljoteka niksru fuq il-lemin fejn hemm gabbana tal-fjuri. Fuqha preċiż hemm it-tabella bl-isem bil-Franċiż. Minn hemm niksru fuq il-lemin u mmorru fi Triq il-Merkanti (quddiem is-Suq tal-Belt). Ħdejn is-Suq illum hemm xi restoranti, wieħed minnhom seta' kien il-ħanut tat-te` li fih daħlu Pietru u Salvina. Niksru mit-tieni triq fuq il-lemin (Triq l-Arċisqof) u wara niksru mill-ewwel fuq ix-xellug u niġu fi Triq San Pawl. Ninżlu tliet kantunieri fi Triq San Pawl u niksru fuq il-lemin fi Triq San Nikola. Jekk nibqgħu sejrin dritt insibu l-Monument tal-Qanpiena. Wara nidħlu fil-ġnien tal-Barrakka t' Isfel (Hemm ħanut u minnu jista' jinxtara l-ikel u x-xorb).

Il-karozza tiġi lura għall-istudenti ħdejn il-monument tal-qanpiena.

Biex issir din l-attivita` trid tkun il-Belt nofs siegħa qabel l-attivita` tal-bibljoteka u wara għandek siegħa u kwart oħra.